**26 ta' Marzu, 1996**

**Imhallfin:-**

**S.T.O. Joseph Said Pullicino B.A.(Hons.), LL.D. - President**
**Onor. Joseph D. Camilleri B.A., LL.D.**
**Onor. Joseph A. Filletti B.A., LL.D., A.R.Hist.S.**

Francis Bugelli

*versus*

Josephine Borg ġa` Bugelli

**Separazzjoni Personali - Kuntratt - Adulterju - Dekadenza**

*L-attur qiegħed jitlob id-dekadenza mid-dritt ta' l-alimenti fissat favur martu f'kuntratt ta' separazzjoni personali. Qed jitlob ukoll rifużjoni ta' ammont ta' alimenti mħallsa, għar-raġuni allegata minnu li l-konvenuta kkommettiet adulterju wara li sar l-imsemmi kuntratt.*

*Iżda l-Qorti tissottolinea li l-konsegwenzi li jissemmew fl-artikolu 48 u 52 tal-Kodiċi Ċivili huma proprjament applikabbli f'kawża fejn ikun hemm talba ad hoc sabiex tkun ippronunzjata l-firda bejn il-konjuġi. Din ir-regola toħroġ mil-lokuzzjoni ċara tal-liġi stess kif ukoll mill-insenjament kontenut fid-dottrina u fil-ġurisprudenza tat-tribunal tagħna.*

*Ġie bosta drabi affermat li l-istess regola tapplika bl-istess qawwa meta diġa' jkun hemm sentenza ta' separazzjoni personali bejn il-konjuġi, u meta d-dekadenza mid-dritt għall-alimenti tkun qiegħda tintalab fuq fatti ġodda li ġraw wara dik is-sentenza.*

*F'din il-kawża ma hemm ebda talba għad-dikjarazzjoni ta' separazzjoni personali fuq il-motiv sopravvent ta' l-adulterju tal-konvenuta.*

Il-Qorti:-

Fl-20 ta' April, 1995, l-Onorabbli Qorti Ċivili, Prim'Awla, ippronunzjat din is-sentenza:

"Il-Qorti:-

Rat iċ-ċitazzjoni ta' Francis Bugelli, minnu ppreżentata fis-6 ta' Ottubru, 1994, li biha, wara li ppremetta:

*Omissis*;

L-attur talab lill-konvenuta tgħid għala din il-Qorti m'għandhiex:

*Tiddikjara li l-konvenuta ddekadiet minn kull dritt li* tipperċepixxi manteniment kif miftiehem fi klawsola tlieta tal-kuntratt fl-Atti tan-nutar Myriam Spiteri Debono ddatat 22 ta' Diċembru, 1993;

Tappunta nutar sabiex, jekk okkorrendo jkun il-każ, jippubblika l-att opportun fejn jiġi ddikjarat li l-konvenuta ddekadiet kif ingħad u dan senjatament għall-klawsola tlieta tal-kuntratt suddett u kuratur sabiex jidher fuq l-istess att għall-eventwali kontumaċi;

*Tikkundanna lill-konvenuta trodd u tħallas lura kull* manteniment indebitament imħallas mill-attur lill-konvenuta minn dik id-data li jidhrilha xierqa fiċ-ċirkostanzi;

Bl-ispejjeż u bl-inġunzjoni tal-konvenuta għas-subizzjoni;

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenuta, minnha ppreżentata fit-18 ta' Novembru, 1994 li biha eċċepiet li t-talbiet attriċi għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż peress li huma infondati fid-dritt u inoltre huma infondati fil-fatt, u salv eċċezzjonijiet ulterjuri;

Rat l-atti kollha tal-kawża; semgħet il-provi u t-trattazzjoni tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

*Omissis*;

Għal dawn il-motivi din il-Qorti, filwaqt li tiċħad l-eċċezzjonijiet tal-konvenuta riferibbilment għall-ewwel u għat-tielet talba ta' l-attur, (1) tilqa l-ewwel talba ta' l-attur u konsegwentement tiddikjara li l-konvenuta iddekadiet minn kull dritt li tipperċepixxi manteniment għaliha (iżda mhux il-manteniment għal binha) kif miftiehem fil-klawsola 3 tal-kuntratt ta' separazzjoni fl-atti tan-nutar Myriam Spiteri Debono datat 22 ta' Diċembru, 1993; (2) tiċħad it-tieni talba ta' l-attur; u (3) tilqa' t-tielet talba ta' l-attur u konsegwentement tikkundanna lill-konvenuta trodd u tħallas lura lill-attur kull manteniment imħallas mis-sitta (6) ta' Ottubru, 1994 'l hawn lilha u għaliha personalment u ċjoe' ta' tletin lira (Lm30) fil-ġimgħa;

Fiċ-ċirkostanzi tal-każ, l-ispejjeż ta' din il-kawża għandhom jitħallsu kwantu għal żewġ terzi ($^2/_3$) mill-konvenuta u r-rimanenti terz ($^1/_3$) mill-attur";

Il-konvenuta ħassitha aggravata b'din is-sentenza u, għar-raġunijiet li semmiet fil-petizzjoni ta' l-appell tagħha, talbet li dina l-Qorti jogħġobha tirrevoka s-sentenza msemmija u b'hekk tiċħad it-tliet talbiet ta' l-attur - bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra tiegħu;

L-attur appellat wieġeb li s-sentenza appellata kienet ġusta u għalhekk għandha tiġi kkonfermata;

L-attur qiegħed jitlob id-dekadenza mid-dritt ta' l-alimenti fissat favur martu, l-appellanti, f'kuntratt ta' separazzjoni personali. Qed jitlob ukoll rifużjoni ta' ammont ta' alimenti mħallsa, għar-raġuni allegata minnu, li l-konvenuta appellanti kkommettiet adulterju wara li sar l-imsemmi kuntratt;

Il-fatti kif jirriżultaw mill-proċess fil-qosor, kienu dawn:

Fit-23 ta' Diċembru, 1992, il-partijiet għamlu, bl-approvazzjoni tas-Sekond'Awla tal-Qorti Ċivili, separazzjoni konsenswali, b'att ippubblikat minn Nutar Myriam Spiteri Debono. Il-pattijiet li huma l-aktar rilevanti għal din il-kawża kienu dawn:

Il-partijiet iddikjaraw li l-ħajja tagħhom flimkien ma kinitx aktar possibbli u li ma kienx hemm ebda tama ta' rikonċiljazzjoni bejniethom peress li ż-żwieġ tagħhom tfarrak irrimedjabbilment u minħabba raġunijiet oħra li jagħtu lok għas-separazzjoni personali;

Il-partijiet qablu u ntrabtu li kull parti ma tipprovax teżerċita b'ebda mod interferenza jew indħil fuq il-ħajja tal-parti l-oħra;

L-attur obbliga ruħu li jagħti manteniment ta' Lm30 (tletin lira Maltija) fil-ġimgħa - li jiżdiedu kull sena skond iż-żidiet ta' l-għoli tal-ħajja mogħtija mill-Gvern u li jitħallsu permezz ta' *cheque* personali ta' l-attur;

Il-partijiet iddikjaraw li huma sodisfatti b'dawn il-kondizzjonijiet, liema kondizzjonijiet ma jistgħux jinbidlu;

Irriżulta minn xhieda ta' l-attur appellat li huwa beda relazzjoni extra konjugali ma' mara oħra, għall-ħabta tal-bidu tas-sena 1993;

Fil-25 ta' Settembru, 1993, twieldet tarbija minn din ir-relazzjoni extra konjugali ta' l-attur ma' din il-mara;

Xi xahar qabel ma saret is-separazzjoni konsenswali bejn il-kontendenti, l-attur beda jikkoabita ma' din il-mara u baqa' hekk

jikkoabita magħha sal-lum;

Il-konvenuta appellanti jidher li osservat l-obbligu tal-fedelta' lejn żewġha almenu saż-żmien meta saret is-separazzjoni konsenswali;

Il-konvenuta appellanti daħlet għal relazzjoni extra konjugali ma' raġel ieħor, xi żmien wara li sseparat minn ma' żewġha bil-kuntratt tat-22 ta' Diċembru, 1993;

Din ir-relazzjoni damet sejra xi ħdax-il xahar, b'dan li dan ir-raġel anke kien jorqod ma' l-appellanti fid-dar konjugali minn darbtejn sa tliet darbiet fil-ġimgħa;

L-appellanti kellha, u għad għandha, jgħix magħha lil binha Eric, li kellu sittax-il sena meta bdiet din ir-relazzjoni extra konjugali ta' ommu;

L-appellanti temmet u ittronkat din ir-relazzjoni extra konjugali għall-aħħar tas-sena 1994. Jidher li hija ma daħlitx f'relazzjonijiet oħra minn dak iż-żmien 'l hawn;

Fuq dawn il-provi u fuq il-bażi tal-motivazzjonijiet kontenuti fis-sentenza appellata, l-Ewwel Onorabbli Qorti ddikjarat li l-appellanti ddekadiet minn kull dritt li tipperċepixxi manteniment għaliha, kif miftiehem fil-kuntratt imsemmi. Inoltre l-appellanti ġiet ikkundannata li tirrifondi lill-appellat kull manteniment li sarilha mis-6 ta' Ottubru, 1994 'il hawn;

L-aggravju ta' l-appellanti ġie mfisser minnha hekk:

"Id-dritt tal-manteniment ta' l-appellanti huwa kuntrattwali. L-ammont miftiehem huwa marbut mal-likwidazzjoni tal-komunjoni ta' l-akkwisti u s-sehem ta' l-akkwisti li ġie assenjat lill-appellanti. Dak is-sehem kien ikun akbar li kieku l-appellanti ma ftehmetx ukoll dwar ħlas ta' manteniment. Meta l-Ewwel Qorti neħħiet id-dritt tal-manteniment lill-appellanti, naqset li tapprezza li kienet ser tiddisturba l-kalkolu tas-sehem ta' l-akkwisti li l-appellanti kienet aċċettat proprju għax kellha ukoll id-dritt tal-manteniment;

Id-diskrezzjoni mogħtija lill-Qorti sabiex tiddeċidi jekk għandux ikun hemm id-dekadenza mid-dritt għall-manteniment ma tistax *ma tkunx favur l-appellanti li kienet il-vittma tal-ħajja adultera* ta' l-attur li kisser il-ħajja familjari ta' l-appellanti u li minflok, jippretendi, waqt li jipperdura fil-ħajja adultera, li jivvantaġġa ruħu mid-dritt tal-fedelta` ta' martu minnu oltreġġjata fl-istess waqt li huwa jkasbar l-istess obbligu li għandu huwa għall-fedelta` lejn martu;

Il-kuntratt tas-separazzjoni *de quo* jippreklu di lill-appellat milli jinvoka tibdil fil-pattijiet. L-appellanti m'għandhiex dritt li titlob awment fil-manteniment anke jekk il-mezzi finanzjarji ta' l-appellat jikkwadruplikaw. L-appellanti aċċettat fil-kuntratt li ma *tindaħalx fiċ-ċirkostanzi tal-ħajja personali ta' l-appellat.* L-istess aċċetta u obbliga ruħu li jagħmel l-appellat, u għalhekk l-appellat ma jistax jipprofitta ruħu minn żball li għamlet darba l-appellanti;

L-Onorabbli Qorti ta' l-ewwel istanza ma dehritx li apprezzat sewwa ċ-ċirkostanzi ta' l-appellanti li ttronkat kull relazzjoni żbaljata li kellha u li għandha lil binha jgħix magħha. Mingħajr id-dħul tal-manteniment, l-appellanti tkun f'qagħda aktar diffiċli biex tosserva l-obbligu tal-fedelta` lejn żewġha infidil lejha. Kien ikun differenti

li kieku l-appellanti qiegħda regolarment, jew għadha, *tikkoabita* ma' raġel ieħor. Fiċ-ċirkostanzi tal-lum mhux biss ċerti debbolezzi umani għandhom jiġu ttollerati, iżda ċerta riġidita` żejda hija barra minn lokha għaliex hemm il-perikolu li titqies li hija ftit ipokrita jekk ma tħallix lok għal maħfra ta' żbalji li ma jkunux irrepetew ruħhom;

Għalkemm l-Att XXI ta' l-1993 ma neħħiex l-obbligu tal-fedelta` tal-miżżewġin, huwa introduċa moderazzjoni kbira fil-konsegwenzi li jiskaturixxu mill-adulterju kemm fir-rigward tad-dekandenzi mid-drittijiet ċivili kif ukoll fir-rigward tas-sistemazzjoni tal-komunjoni ta' l-akkwisti. Ma jidhrix li dan il-fatt soċjali ġdid influwixxa, kif kellu jagħmel, id-diskrezzjoni ta' l-Ewwel Onorabbli Qorti";

Illi l-appellat ma rribattix b'mod dettaljat għal dawn il-lamenti ta' l-appellanti. Huwa llimita ruħu għall-osservazzjoni li s-sentenza appellata kienet ġusta u li kienet timmerita konferma. Pero` huwa indika xi ġurisprudenza, bin-nota ta' referenzi ppreżentata fit-12 ta' Frar, 1996;

Il-Qorti sejra tagħmel xi kummenti dwar il-ġurisprudenza ċitata mill-appellat bl-imsemmija nota. L-ewwel sentenza ċjoe **Anthony Fenech *vs* Francine Fenech** deċiża mill-Prim'Awla fil-5 ta' April, 1993, ftit li xejn tixħet dawl fuq il-vertenza, billi l-konvenuta baqgħet kontumaċi u għalhekk il-Qorti, fir-realta`, ma kellhiex quddiemha ebda kontestazzjoni vera għat-talba ta' l-attur. Infatti l-Qorti kkummentat hekk:

"Fil-kontumaċja ċara tal-konvenuta, il-Qorti ma tarax li għandha tidħol fil-punti legali li setgħu ġew sollevati anke fid-

dawl ta' dottrina jew ġurisprudenza fil-materja u dana ukoll minħabba n-natura dilatorja ta' l-eċċezzjonijiet li setgħet issollevat il-konvenuta";

Din hija x'aktarx referenza għall-ġurisprudenza li sejra tissemma aktar 'il quddiem;

It-tieni sentenza ċjoe' **Carmelo *sive* Charles Farrugia *vs* Josephine Farrugia**, deċiża mill-istess Qorti fis-6 ta' Frar, 1992, ġiet ċitata b'approvazzjoni u segwita fis-sentenza appellata. F'**Farrugia *vs* Farrugia**, fejn il-fatti kienu jixbhu ħafna l-fatti fil-każ odjern, il-Qorti osservat hekk:

"Illi l-Qorti tifhem li f'każ meta l-mara tkun ikkommettiet adulterju u fil-fatt għal *żminijiet* twal saħansitra ikkoabitat bħala mara miżżewġa ma' raġel ieħor, anke fil-preżenza u flimkien ma' ulied li kienu ukoll minorenni, ma tistax tippretendi li tkompli *tirċievi manteniment mingħand żewġha*";

F'din il-kawża tqajmet eċċezzjoni ulterjuri bbażata fuq il-prinċipju stabbilit fil-kawża **Mifsud Bonnici *vs* McKibbin** - eċċezzjoni li ma ġietx milqugħa billi ma ingħatatx *in limine litis*;

It-tielet sentenza ċitata mill-appellat **Christopher Vella *vs* Elizabeth Vella** deċiża fit-18 ta' Mejju, 1994, il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili varjat ċerti *kondizzjonijiet* tal-kuntratt tas-separazzjoni konsenswali minħabba bdil fiċ-ċirkostanzi, iżda ma laqgħetx talba ta' l-attur għat-tibdil fil-provvediment dwar id-dar konjugali li kien *jinsab fil-kuntratt ta' separazzjoni konsenswali*;

L-aħħar sentenza ċitata mill-appellat kienet Dr. Giuseppe

**Mifsud Bonnici *vs* McKanney** - deċiża 1957. Il-Qorti, fuq l-informazzjoni mogħtija lilha, pero`, ma mexxilhiex tirrintraċċa din is-sentenza. Pero` hija sabet is-sentenza **Dr. Giuseppe Mifsud Bonnici *noe vs* Dr. Hugh McKibbin** li ġiet deċiża mill-Prim'Awla fis-16 ta' Novembru, 1965 u l-Qorti *tippreżumi* li l-attur ried jagħmel referenza għal din is-sentenza peress li hija ġiet ċitata ukoll fis-sentenza **Carmelo *sive* Charles Farrugia *vs* Josephine Farrugia** fuq imsemmija. Kif se jintwera, is-sentenza **Mifsud Bonnici *vs* McKibbin** xejn *ma tikkonforta t-teżi ta' l-attur;*

*Illi* jidher li l-Ewwel Onorabbli Qorti straħet ħafna fuq is-sentenza msemmija **Farrugia *vs* Farrugia**. Anzi, jidher li hija ppruvat timmotiva aħjar l-konklużjonijiet li waslet għalihom billi ppruvat tankrahom ma' interpretazzjonijiet li tat kemm dwar fatti u dwar disposizzjonijiet tal-liġi. Infatti, fost riflessjonijiet oħra, l-Ewwel Onorabbli Qorti, *kkunsidrat li kien irriżulta* ppruvat li wara l-kuntratt tas-separazzjoni, il-konvenuta kkommettiet adulterju matul perijodu ta' ftit anqas minn sena, u *li qabel il-kuntratt ta'* separazzjoni, l-attur kellu relazzjoni adultera u anke kellu tarbija *minn mara oħra* u xi xhur qabel is-separazzjoni *huwa beda* jgħix magħha, u li l-Att XXI ta' l-1993 ma biddilx l-obbligu tal-miżżewġin għall-fedelta` u l-artikolu 35 (1) tal-Kap. 16 jittermina l-obbligu tal-koabitazzjoni f'każ ta' separazzjoni ġudizzjarja u bonarja iżda mhux l-obbligu tal-fedelta` li huwa permanenti u rrevokabbli u li, skond l-artikolu 45 u 52 tal-Kap. 16, meta ż-żewġ partijiet ikunu kkommettew adulterju, il-Qorti kellha diskrezzjoni sabiex tiddeċidi kellux jintilef il-jedd *tal-manteniment,* u li d-dritt tal-manteniment joħroġ mil-liġi u mhux mill-kuntratt bejn il-partijiet u li l-kuntratt tas-separazzjoni *ma jistax jeżenta lill-partijiet mill-*obbligu tal-fedelta` għax ikun imur kontra l-ordni pubbliku u li l-kliem "il-kundizzjonijiet ma jistgħux jinbidlu" fit-tielet klawsola

tal-kuntratt tas-separazzjoni *de quo*, kienu jirreferu għall-modalitajiet tal-ħlas tal-manteniment u ma kinux jeskludu l-possibbilita' ta' dekandenza mid-dritt tal-manteniment, u li f'dan il-każ, l-adulterju ipperdura għal xhur u fid-dar tal-konvenuta fejn kien jgħix ukoll it-tifel tagħha, u li minħabba dawk iċ-ċirkostanzi, il-Qorti kellha tuża d-diskrezzjoni tagħha favur id-dekandenza mid-dritt tal-manteniment;

Illi wieħed mil-lamenti ta' l-appellanti huwa preċiżament li l-Ewwel Onorabbli Qorti ma eżerċitatx korrettament dina d-diskrezzjoni li kien imissha ġiet eżerċitata a favur tagħha billi hija:

"kienet il-vittma tal-ħajja adultera ta' l-attur li kiser il-ħajja familjari ta' l-appellanti";

L-appellanti tippretendi li l-appellat m'għandux jitħalla jivvantaġġja ruħu minn żball li hija għamlet minħabba debbolezza umana - żball li waqfet minnu u ma rripetitux - meta l-appellat baqa' jippersisti f'ħajja adultera u b'hekk baqa' jkasbar l-obbligu li huwa ukoll għandu li jkun fidil lejn martu;

Illi din il-Qorti tinklina li taċċetta bħala ġustifikat dana l-lament ta' l-appellanti. Għaliex li kieku din il-Qorti kellha tiżen ir-rispettivi ħtijiet tal-kontendenti, kieku kien ikollha tistqarr li ma tantx tinsab impressjonata favorevolment bl-atteġġjament pjuttost inkonsistenti ta' l-appellat. Infatti, huwa qiegħed jgħix fi stat permanenti ta' infedelta' u qiegħed issa jipprova jippenalizza, bl-aktar mod drastiku u għal dejjem lil martu għall-infedelta' li seħħet għal ċertu żmien, iżda li ġiet sussegwentement tronkata definittivament;

Fil-fehma tal-Qorti, ir-riżultanzi proċesswali juru li r-

relazzjoni extra-konjugali ta' l-appellat, it-twelid ta' tarbija minn din ir-relazzjoni, il-koabitazzjoni ta' l-appellat mal-konkubina tiegħu, u l-formazzjoni ta' nukleu familjari irregolari ġdid, jidhru li kienu l-fatturi ewlenin li ppreċipitaw il-kriżi matrimonjali bejn il-konjuġi Bugelli u li ineżorabbilment wasslu għall-firda bejniethom bil-kuntratt ta' separazzjoni personali tat-22 ta' Diċembru, 1993. Wieħed ma jridx jinsa ukoll li f'dan il-kuntratt il-partijiet iddikjaraw li kienu sodisfatti bil-kondizzjonijiet kontenuti fih u espressament iddikjaraw li l-istess kondizzjonijiet ma jistgħux jinbidlu;

Mingħajr bl-ebda mod ma tiġġustifika l-operat ta' l-appellanti, il-Qorti tasal li tifhem is-sentimenti tagħha, li, oltreġġjata bl-infedelta` manifesta ta' żewġha, ippruvat issib xi forma ta' konfort uman f'relazzjoni illeċita, bħal ma għamel hu. Ċertament l-appellanti żbaljat meta għamlet hekk. Pero`, l-appellat ma jistax ma jirrealizzax li kien proprju huwa stess li bl-eżempju ħażin tiegħu forsi ħajjar lill-appellanti għal din ix-xelta skorretta u moralment żbaljata, wara li ż-żwieġ kien diġa` tfarrak irrimedjabbilment;

Illi minn dak li ingħad sa issa, jidher ċar li din il-Qorti ma tistax tikkondividi l-mod kif ġiet eżerċitata fis-sentenza appellata d-diskrezzjoni li tissemma' fl-artikolu 52 tal-Kodiċi Ċivili. Anzi, din il-Qorti tmur oltre, billi jidhrilha li proprjament lanqas kien hemm lok, skond il-liġi, li l-istess diskrezzjoni tiġi eżerċitata mill-Ewwel Onorabbli Qorti;

Il-Qorti qiegħda tgħid hekk għaliex jidhrilha li proprjament dik id-diskrezzjoni kien hemm lok li tiġi eżerċitata f'kawża li jkollha bħala talba, jew waħda mit-talbiet, is-separazzjoni personali. Il-konsegwenzi li jissemmew fl-artikolu 48 tal-Kodiċi Ċivili (fosthom id-dekadenza mid-dritt għall-manteniment li jitnissel miż-żwieġ),

kif ukoll l-eżerċizzju tad-diskrezzjoni fil-każ kontemplat fl-artikolu 52 ta' l-istess Kodiċi Ċivili ma kienux proprjament applikabbli f'kawża bħal din odjerna, li ma fiha l-ebda talba għad-dikjarazzjoni ta' separazzjoni personali fuq il-motiv sopravvenut ta' l-adulterju ta' l-appellanti;

Dana billi fil-kawża odjerna, l-attur appellat qiegħed sempliċement jitlob li jiġi eżonorat mill-obbligu li jkompli jmantni lil martu, obbligu impost fuqu fil-kuntratt ta' separazzjoni personali konsenswali tat-22 ta' Diċembru, 1993, liema talba qed issir fuq il-motiv ta' l-adulterju ta' l-appellanti, sopravvenut għal dak il-kuntratt;

Il-Qorti tissottolinea li l-konsegwenzi li jissemmew fl-artikoli 48 u 52 huma proprjament applikabbli f'kawża fejn ikun hemm talba *ad hoc* sabiex tiġi ppronunzjata l-firda bejn il-konjuġi. Din ir-regola toħroġ mil-lokuzzjoni ċara tal-liġi stess, billi hija proprja f'kawża bħal din li jiġi ddeterminat liema parti:

"tkun il-ħtija tal-firda" (artikolu 48); u

"jekk il-wieħed u l-oħra jkunu ħtija ta' egħmil li jagħti lok għal firda" (artikolu 52);

Din ir-regola toħroġ ukoll mill-insenjament kontenut fid-dottrina u fil-ġurisprudenza tat-tribunali tagħna. Inoltre ġie bosta drabi affermat li l-istess regola tapplika bl-istess qawwa meta diġa` jkun hemm sentenza ta' separazzjoni personali bejn il-konjuġi, u meta d-dekadenza mid-dritt għall-alimenti tkun qiegħda tintalab fuq fatti ġodda li ġraw wara dik is-sentenza:

"Jekk hu veru li d-dekadenza mid-drittijiet (fosthom għall-alimenti) hija effett tas-separazzjoni personali, dina d-dekadenza tista' tintalab biss f'kawża ta' separazzjoni; għaliex kif ġie fuq rilevat, f'kawża biss ta' separazzjoni *tkun tista' tiġi* mill-Qorti valjata r-responsabbilita' taż-żewġ partijiet fuq fatti miġjuba *hinc inde*, mingħajr ebda limitazzjoni oħra ħlief dak li jridu jkunu posterjuri u sopravvenuti għall-ewwel sentenza" (sottolinear ta' din il-Qorti - Kollez. Vol. XXXVI-II-470, f'paġna 475. Ara ukoll Vol. XXIX-II-600 u Vol. XL-II-917);

Fis-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili ta' l-24 ta' Marzu, 1954 (Kollez. Vol. XXXVIII - p. 466) **A. Blackman *vs* M. Blackman** *il-Qorti għamlet referenza għas-sentenzi oħra ta' l-istess* Qorti, deċiża fis-27 ta' Ġunju, 1952 (**Gauci *vs* Gauci**) u qalet li:

"L-attur ma setax jitlob id-dekadenza tal-konvenuta mid-dritt ta' l-alimenti mingħajr ma jagħmel qabel kawża ta' separazzjoni personali fuq il-kawżali ta' adulterju. Kif intqal f'dik is-sentenza xejn ma jiswa illi l-kontendenti jinsabu separati, għaliex dik is-separazzjoni tifforma stat bejniethom fuq il-fatt li ddeterminatha, jiġifieri .... u ebda ostakolu ma jista' jkun hemm għal domanda ta' separazzjoni bejn l-istess kontendenti fuq fatti posterjuri";

F'dan is-sens ukoll hija s-sentenza ***Dr. Giuseppe Mifsud* Bonnici *noc vs* Dr. Hugh McKibbin**, li ssemmiet aktar qabel in konnessjoni mal-ġurisprudenza li ċċita l-attur appellat stess fejn jingħad:

"Ir-raġel li jkun mifrud minn martu ma jistax jippretendi d-dekadenza ta' martu mid-dritt għall-alimenti tagħha kontra tiegħu mingħajr ma jagħmel qabel kawża ta' separazzjoni personali fuq

kawżali ta' adulterju, li kienet eskluża fil-motivi ta' separazzjoni u ssopravveniet wara";

Il-Qorti tinnota li l-appellanti ma resqitx ebda eċċezzjoni, fis-sens ta' din il-ġurisprudenza, u la dan huwa hekk, din il-Qorti għandha tistqarr, a skans ta' ekwivoċi, li hija mhijiex qiegħda tissolleva din l-eċċezzjoni hija stess. Din il-ġurisprudenza qiegħda tissemma' f'din il-kawża għaliex hemm referenza għaliha fil-ġurisprudenza li l-attur appellat stess issenjala, kemm quddiem l-Ewwel Onorabbli Qorti u kemm ukoll f'dana l-istadju. Il-Qorti aċċennat għal din il-ġurisprudenza ukoll għaliex xi ftit jew wisq tidher li ssaħħaħ - anke mil-lat proċedurali, il-lament ta' l-appellanti li l-Ewwel Onorabbli Qorti eżerċitat l-imsemmi diskrezzjoni skorrettement. Illi għalhekk, din il-Qorti tasal għall-konklużjoni li, tenut kont taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ, l-Ewwel Onorabbli Qorti, bir-rispett kollu dovut lejha, ma jidhirx li eżerċitat b'mod għal kollox korrett d-diskrezzjoni imsemmija. Konsegwentement, l-aggravju relattiv ta' l-appellanti, kif minnha mfisser fil-petizzjoni, qiegħed jiġi milqugħ. La l-Qorti waslet għal din il-konklużjoni jitnissel, fl-ewwel lok, li mhux il-każ li l-appellanti tiġi llibertata mill-osservanza tal-ġudizzju - kif kien ikun il-każ kieku ġiet issollevata u milqugħa eċċezzjoni fis-sens tal-ġurisprudenza imsemmija - u fit-tieni lok, li m'hemmx għalfejn li din il-Qorti tinvestiga l-lamenti l-oħra ta' l-appellanti kontenuti fil-petizzjoni ta' appell tagħha;

Għal dawn il-motivi:

Tilqa' l-appell, tirrevoka s-sentenza mogħtija fl-20 ta' April, 1995, mill-Qorti ta' l-ewwel grad u konsegwentement tiċħad it-talbiet kollha ta' l-attur - bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-istess

attur appellat.